2025/171

27.1.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/171

tas-27 ta' Jannar 2025

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/797 dwar miżuri restrittivi kontra attakki ċibernetiċi li jheddu lill-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Mejju 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/797 ([1]).

(2) Il-miżuri restrittivi mmirati kontra l-attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti li jikkostitwixxu theddida esterna għall-Unjoni jew għall-Istati Membri tagħha huma waħda mill-miżuri inklużi fil-qafas tal-Unjoni għal rispons diplomatiku konġunt għal attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi, jiġifieri s-Sett ta' Għodod taċ-Ċiberdiplomazija, u huma strument vitali biex attivitajiet bħal dawn jiġu evitati, ikunu ta' deterrent, skoraġġuti u jingħata rispons għalihom.

(3) L-attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi kontra infrastruttura kritika jew servizzi essenzjali, inkluż permezz tal-użu ta' ransomware u wipers, l-immirar tal-ktajjen tal-provvista u l-ispjunaġġ ċibernetiku, inkluż attivitajiet ta' serq tal-proprjetà intellettwali, qed jiżdiedu fl-għadd, fil-frekwenza u fis-sofistikazzjoni. Bl-effetti fixkiela u distruttivi tagħhom, dawk l-attivitajiet huma ta' theddida sistemika għas-sigurtà, l-ekonomija u d-demokrazija u s-soċjetà tal-Unjoni b'mod ġenerali.

(4) Fl-2020, twettqu attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti kontra l-Estonja. Twettqu attakki ċibernetiċi mmirati lejn is-sistemi tal-kompjuter ta' diversi istituzzjonijiet bl-għan li d-data tintuża biex thedded is-sigurtà tal-Estonja. Dawk l-attakki ċibernetiċi jikkonċernaw il-ħżin ta' informazzjoni klassifikata.

(5) Bħala parti mill-azzjoni sostnuta, imfassla u koordinata tal-Unjoni kontra atturi persistenti ta' theddid ċibernetiku, jenħtieġ li tliet persuni fiżiċi jiġu inklużi fil-lista tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi stabbilita fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/797. Dawk il-persuni huma responsabbli għal attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti jew involuti fihom li jikkostitwixxu theddida esterna għall-Unjoni jew għall-Istati Membri tagħha.

(6) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2019/797 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/797 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Jannar 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

K. KALLAS

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/797 tas-17 ta' Mejju 2019 dwar miżuri restrittivi kontra attakki ċibernetiċi li jheddu lill-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha (ĠU L 129 I, 17.5.2019, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2019/797/oj).

ANNESS

Fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/797, l-entrati li ġejjin jiżdiedu taħt l-intestatura “A. Persuni fiżiċi”:

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
“15.	Nikolay Alexandrovich KORCHAGIN	Николай Александрович Корчагин Data tat-twelid: 16.9.1997 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Entità assoċjata: Direttorat Ewlieni tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa	Nikolay Korchagin huwa involut u responsabbli għal attakki ċibernetiċi b’effett sinifikanti permezz tat-twettiq ta’ attivitajiet ta’ intelligence diretti kontra l-Estonja u permezz ta’ aċċess illegali għal sistema tal-kompjuter. Nikolay Korchagin huwa uffiċjal tal-military unit 29155 tad-Direttorat Ewlieni tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa (GRU). F’dak ir-rwol, huwa involut u responsabbli għal attakki ċibernetiċi kontra sistemi tal-kompjuter bl-għan li jiġbor data mis-sistemi tad-data ta’ diversi istituzzjonijiet, li b’mod indipendenti jew flimkien, jagħtu ħarsa ġenerali tal-politika taċ-ċibersigurtà tal-Estonja, il-mezzi ċibernetiċi tal-istat, data personali sensittiva u data sensittiva oħra, bl-għan li d-data tintuża biex thedded is-sigurtà tal-Estonja. L-attakki għalhekk jikkonċernaw il-ħżin ta’ informazzjoni klassifikata. L-attakki kkonċernaw alleati u sħab tal-Estonja. Għalhekk, Nikolay Korchagin huwa involut u responsabbli għal attakki ċibernetiċi b’effett sinifikanti li jikkostitwixxu theddida esterna għal Stat Membru.	27.1.2025
16.	Vitaly SHEVCHENKO	Виталий Шевченко Data tat-twelid: 1.9.1997 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Entità assoċjata: Direttorat Ewlieni tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa	Vitaly Shevchenko huwa involut responsabbli għal attakki ċibernetiċi b’effett sinifikanti permezz tat-twettiq ta’ attivitajiet ta’ intelligence diretti kontra l-Estonja u permezz ta’ aċċess illegali għal sistema tal-kompjuter. Vitaly Shevchenko huwa uffiċjal tal-military unit 29155 tad-Direttorat Ewlieni tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa (GRU). F’dak ir-rwol, huwa involut u responsabbli għal attakki ċibernetiċi kontra sistemi tal-kompjuter bl-għan li jiġbor data mis-sistemi tad-data ta’ diversi istituzzjonijiet, li b’mod indipendenti jew flimkien, jagħtu ħarsa ġenerali tal-politika taċ-ċibersigurtà tal-Estonja, il-mezzi ċibernetiċi tal-istat, data personali sensittiva u data sensittiva oħra, bl-għan li d-data tintuża biex thedded is-sigurtà tal-Estonja. L-attakki għalhekk jikkonċernaw il-ħżin ta’ informazzjoni klassifikata. L-attakki kkonċernaw alleati u sħab tal-Estonja. Għalhekk, Vitaly Shevchenko huwa involut u responsabbli għal attakki ċibernetiċi b’effett sinifikanti li jikkostitwixxu theddida esterna għal Stat Membru.	27.1.2025

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/171/oj

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet	Data tal-elenkar
17.	Yuriy Fedorovich DENISOV	Юрий Федорович Денисов Data tat-twelid: 17.6.1980 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Entità assoċjata: Direttorat Ewlieni tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa	Yuriy Denisov huwa involut u responsabbli għal attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti permezz tat-twettiq ta' attivitajiet ta' intelligence diretti kontra l-Estonja u permezz ta' aċċess illegali għal sistema tal-kompjuter. Yuriy Denisov huwa uffiċjal tal-military unit 29155 tad-Direttorat Ewlieni tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa (GRU). F'dak ir-rwol, huwa involut u responsabbli għal attakki ċibernetiċi kontra sistemi tal-kompjuter bl-għan li jiġbor data mis-sistemi tad-data ta' diversi istituzzjonijiet, li b'mod indipendenti jew flimkien, jagħtu ħarsa ġenerali tal-politika taċ-ċibersigurtà tal-Estonja, il-mezzi ċibernetiċi tal-istat, data personali sensittiva u data sensittiva oħra, bl-għan li d-data tintuża biex thedded is-sigurtà tal-Estonja. L-attakki għalhekk jikkonċernaw il-ħżin ta' informazzjoni klassifikata. L-attakki kkonċernaw alleati u sħab tal-Estonja. Għalhekk, Yuriy Denisov huwa involut u responsabbli għal attakki ċibernetiċi b'effett sinifikanti li jikkostitwixxu theddida esterna għal Stat Membru.	27.1.2025".